TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 69/12/GZ

**Maria Vincenza Brincat**

**vs**

**Dr A. J. Fenech**

Illum 3 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elfejn mija u disghin Ewro (€2190.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal 'hearing aids'(liema 'hearing aids' kienu difettuzi), kif ukoll il-hlas tat-tiswijiet u tal-vizti wara li ghalqet il-garanzija ta' l-istess 'hearing aids'.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Qieghda titlob li tinghata lura l-flus li hija hallset ghal 'hearing aids' u ghat-tiswija taghhom, ghar-ragunijiet li gejjin:

1. Waqt li kienet ghaddejja l-garanzija, ir-rikorrenti kienet marret ghand l-intimat diversi drabi ghaliex il-'hearing aids' ma kienux qed jghinuha fis-smiegh. Ghall-ewwel darba, jista' jkun li ma kienux issettjati tajjeb, imma d-drabi ta' wara, l-intimat kien qallha li ma kienitx qed tisma minhabba x-xema tal-widnejn. Haga li r-rikorrenti, personalment ma vverifikatx;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

2. Wara li ghaddiet il-garanzija u r-rikorrenti baqghet bl-istess problemi, l-intimat kien baghat il-'hearing aids' barra minn Malta ghat-tiswija, fejn informaha illi kellhom bzonn jissewwew u f'kull kaz kienet inghatat garanzija ta' sitt (6) xhur;

3. Minkejja dan, il-problemi baqghu l-istess u r-rikorrenti kienet marret diversi drabi ohra wara minghajr ma ttejbet is-sitwazzjoni tas-smiegh taghha. Ghal dawn il-vizti, ir-rikorrenti hallset il-hlas dovut.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghda titlob li tinghata lura elf disgha mija u hamsin Ewro (€1950.00) li huwa l-prezz tal-'hearing aids', kif ukoll mitejn u erbghin Ewro (€240.00) li jinkludu l-hlas tat-tiswijiet u tal-vizti wara li ghalqet il-garanzija.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni bhala prova ta' l-ammonti li qieghda titlob.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Fil-15 ta' Ottubru 2009, huwa ordna par 'hearing aids' ghar-rikorrenti, fejn gimghatejn wara, il-'hearing aids' gew imwahhlin u gie ffirmat il-kuntratt ta' ftehim rigwardanti l-istess 'hearing aids'. Fit-30 ta' Settembru 2010 (kwazi sena shiha wara li gew imwahhlin il-'hearing aids'), ir-rikorrenti kienet marret il-klinika ta' l-intimat tilmenta illi ma kenitx qieghda tisma sew. Ghalhekk, il-'hearing aids' intbaghtu 'Starkey Labs Ltd' gewwa l-Inghilterra ghall-adjustments necessarji, u dan minghajr ebda hlas da parti tar-rikorrenti. Ir-rapport mahrug minn 'Starkey Labs Ltd' kien jindika li: "The repairs were usual service issues with no other faults."

Fid-19 ta' April 2011, ir-rikorrenti kienet marret l-Isptar Mater Dei (u mhux 'St Catharine Pharmacy') fejn ilmentat li l-'hearing aid' tax-xellug kien mejjet, u ghalhekk dan il-'hearing aid' kien intbaghat 'Starkey Labs Ltd' ghas-servizz necessarju u rega' gie mwahhal fid-19 ta' Mejju 2011. Din it-tiswija kellha prezz, hekk kif mahrug minn 'Starkey Labs Ltd', pero' din il-kumpanija geddiet il-garanzija ghal sitt (6) xhur ohra. Fl-istess gurnata, ir-rikorrenti mbaghad ilmentat li l-'hearing aid' tal-lemin kellu l-istess problema tax-xellug. Meta l-intimat iccekja l-'hearing aids' huwa stess, induna li xi hadd kien miss l-kontroll tal-volum, li mhux suppost li jitmiss. Il-'hearing aid' tal-lemin inghata lill-agent lokali minn fejn intbaghat l-Inghilterra ghas-servizz necessarju. Dan is-servizz kien hemm hlas ghalih u l-garanzija giet imgedda ghal sitt (6) xhur ohra.

L-intimat kellu jaghmel procedura ta' tindif ta' widnejn ir-rikorrenti f'zewg okkazzjonijiet mill-inqas, stante illi ghandha problema fejn widnejha jikkrejaw hafna xema tal-widnejn. Din il-procedura suppost kellha ssir bi pagament gewwa klinika privata, pero' l-intimat minn jeddu kien ghamel din il-procedura gewwa l-Isptar Mater Dei minghajur ebda hlas. F'hafna kazi, ix-xema tal-widnejn eccessiv jaffetwa l-funzjoni tal-'hearing aids'.

L-unici spejjez li nkorriet ir-rikorrenti kienu dawk stipulati fil-kuntratt originali meta hija ordnat il-'hearing aids'. L-ispejjez l-ohrajn kienu dawk li gew stipulati min 'Starkey Labs Ltd' u ta' l-agent lokali, u dawn l-ispejjez kienu stante illi l-garanzija kienet skadiet, wara liema hlas, il-garanzija ggeddet ghal sitt (6) xhur ohra.

Il-garanzija fuq il-'hearing aids' ghalhekk skadiet fil-21 ta' Novembru 2011 u s-6 ta' Dicembru 2011 rispettivament, u ghalhekk ir-rikorrenti kienet ghadha qed tgawdi l-garanzija fuq l-imsemmi 'hearing aids' meta hija fethet din il-kawza. Li kieku kien hemm xi servizzi li kellhom isiru fuq dawn il-'hearing aids, dawn is-servizzi ghalhekk kienu jsiru minghajr ebda hlas.

Fid-29 ta' Marzu, l-intimat iccekja il-'hearing aids' u skopra li kienu mimlija bix-xema tal-widnejn, fejn huwa ghalhekk naddafhom u biddel il-filters tal-'hearing aids', u dana kollu minghajr ebda hlas.

L-intimat ezebixxa kopja tal-kuntratt ta' ftehim datat 29 ta' Ottubru 2009, iffirmat mir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezabiet il-'hearing aids' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa diversi dokumenti relattivi.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi l-intimat ghamel diversi attentati sabiex jghin lir-rikorrenti billi offrielha l-ghajnuna professjonali u l-hin tant prezzjuz tieghu minghajr ebda hlas, u flimkien mal-fatt ukoll illi l-intimat ma jista' qatt jinzamm responsabbli ghal cirkostanzi estraneji kemm ghall-hila u s-servizzi professjonali tieghu kif ukoll ghall-iffunzjonar tajjeb tal-'hearing aids' in kwistjoni, liema 'hearing aids' it-Tribunal huwa konvint mill-provi li ngabu illi kienu ta' kwalita' tajba u li ma kellhom l-ebda difett, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**